MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 20/2009/1

AB

Vs

CBD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tiegħu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi dan huwa rikors ai fini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta li permezz tagħha r-rikorrenti qiegħda titlob li t-talba tieghu għas-separazzjoni magħmula f’din il-kawza għandha minflok titqies bħala talba għall-pronunzjament ta’ divorzju;

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni li r-rikorrenti intavola kontra martu l-intimata.

Illi ai termini tal-artikolu 66B jiġi rilevat:

i. Illi allavolja l-partijiet jgħixu taħt l-istess saqaf, huma ilhom ma jgħixu ta’ mizzewgin għall mill-inqas erbgħa (4) snin.
ii. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.
iii. Illi l-partijiet għandhom tifla minuri waħda, għal-liema jitħallas manteniment mir-rikorrenti skond kif ordnat mill-Qorti.

Illi huwa għalhekk illi dak kollu mitlub mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta huwa fl-umli fehma tar-rikorrenti sodisfatt.

Talab li l-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

Tilqa` t-talba tar-rikorrenti u u tordna illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f’din il-kawza għandha minflok titqies bħala talba għall-pronunzjament ta’ divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet:

Illi hija taqbel mal-fatti kollha kif esposti fir-rikors tar-rikorrenti zewġha u ma hix toġġezzjona għat-talba tiegħu li t-talba għas-separazzjoni magħmulha f’din il-kawza għandha minflok titqies bhala talba għall-pronunzjament ta’ divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Ottubru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata;

Rat l-artikolu 66(b) u (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul, u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom ma jghixu ta’ mizzewgin ghal minn l-anqas erba` snin;

Illi gie ippruvat ukoll li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm ebda problema fir-rigward tal-hlas tal-manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talba, u qeghda tordna li t-talba ghas-separazzjoni fil-kawza maghmula fl-ismijiet AB vs CBD, Rikors Guramentat numru 20/2009 ghandha titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta’ divorzju ai termini tal-artikolu 66(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghalhekk il-Qorti tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Il-Qorti rat ukoll in-nota tal-attur tas-7 ta’ Mejju 2012, li permezz taghha esebixxa kopja awtentikata tal-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet, ippublikat fil-5 ta’ Dicembru 2011, li permezz tieghu il-partijiet cedew il-kawza fl-ismijiet AB vs CBD (Rikors numru 20/2009), u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------